# IS-SAWM

## Is-Sawm matul ir-Ramażan

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

بِسْمِ ٱللَّٰهِ ٱلرَّحْمَٰنِ ٱلرَّحِيمِ

**F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin**

L-Iżlam hija fidi ġenwina u ħajja. Il-qima hija karatteristika bażika tal-Iżlam. Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran (Quran) Imqaddes:

> "U Jien ma ħloqtx il-Ġinni u l-bniedem ħlief biex ikunu jistgħu jqimuni." (Il-Koran Imqaddes, 51:57)

Att partikolari ta' qima fl-Iżlam huwa s-sawm li jsir matul ix-xahar Iżlamiku ta' Ramażan. L-għan prinċipali ta' dan l-eżerċizzju spiritwali, bħall-forom l-oħra kollha ta' qima fl-Iżlam, huwa l-kisba tas-sodisfazzjon ta' Alla għar-regolazzjoni tal-ħajja ta' persuna mal-kmandamenti Tiegħu. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> "Intom li temmnu, is-sawm huwa preskritt għalikom, bħalma kien ordnat għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti." (Il-Koran Imqaddes, 2:184)

Is-sawm fl-Iżlam jitqies bħala prattika elevata sew. Il-Musulmani fid-dinja kollha huma ordnati li jsumu għal xahar sħiħ kull sena.

Ix-xahar tas-sawm, li huwa xahar lunari, jiġi ħdax-il jum aktar kmieni kull sena, b'hekk idur matul is-sena u f'kull parti tad-dinja jolqot l-istaġuni kollha wieħed wara l-ieħor.

# IS-SAWM MATUL IX-XAHAR TAR-RAMAŻAN

"Is-sawm fl-Iżlam jibda kullimkien mal-ewwel dehra tas-sebħ u jintemm ma' nżul ix-xemx. Matul dan il-perjodu wieħed huwa mistenni li jiċċaħħad għalkollox minn kull tip ta' ikel u xorb. Mhuwiex biss il-ġuħ u l-għatx fiżiku li jikkostitwixxi s-sawm Musulman, iżda l-iljieli ta' qabel il-bidu tas-sawm jieħdu xejra ħafna aktar importanti u jifformaw parti ċentrali minn din il-prattika tas-sawm. Il-Musulmani jqumu sigħat qabel tlugħ ix-xemx għat-talb individwali u t-tfakkir f'Alla. Anki l-Koran Imqaddes jiġi kkwotat f'kull dar Musulmana ħafna aktar mill-ġranet ordinarji. B'hekk parti sostanzjali mil-lejl ikun magħmul minn eżerċizzi spiritwali li jiffurmaw l-essenza proprja tas-sawm.

Matul il-ġurnata, barra li jastjenu mill-ikel u x-xorb, il-Musulmani kollha huma mwissija b'mod partikolari biex joqogħdu 'l bogħod minn diskors fieragħ, tilwim u ġlied, jew minn kull attività li tista' tbaxxi d-dinjità ta' fidil ġenwin. L-ebda sodisfazzjon mill-pjaċiri tal-ġisem mhu permess; saħansitra r-raġel u l-mara matul il-jum jaġixxu b'mod separat, ħlief għar-relazzjoni formali li hija komuni għal kulħadd.

Fl-Iżlam, il-karità u l-attenzjoni għall-fqar tant jingħataw importanza li jsiru parti mill-ħajja ta' kuljum tal-Musulmani. Madankollu, meta jasal ir-Ramażan, ix-xahar tas-sawm, il-Musulmani huma mitluba biex jirduppjaw [ikomplu jżidu] l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam...

Il-prattika tas-sawm hija importanti ħafna għaliex iġġiegħel lill-fidil jimmatura fi kważi kull aspett tal-ħajja spiritwali tiegħu. Fost affarijiet oħra, huwa jitgħallem mill-esperjenza personali xi jfissru l-ġuħ, il-faqar, is-solitudni u l-iskumditajiet għall-fazzjonijiet l-inqas fortunati tas-soċjetà. L-astenzjoni minn dawn il-prattiki matul ix-xahar ta' Ramażan li huma permessi fil-ħajja ta' kuljum tilgħab parti kostruttiva fl-irfinar tal-karattru uman."[1]

# IL-BENEFIĊĊJI TAS-SAWM

"Għandu jkun enfasizzat li l-benefiċċji proprji tas-sawm huma spiritwali u huma marbuta mar-reliġjon. Il-benefiċċji fiżiċi wkoll huma konsiderevoli u ma jistgħux jiġu injorati. Xi wħud mill-benefiċċji huma elenkati hawnhekk:

1. Hija dixxiplina reliġjuża eċċellenti li tħarreġ lill-moħħ u lill-ġisem biex jitqabdu mal-kriżijiet, mar-rabja, mal-ġuħ, mal-għatx, eċċ. Skont wieħed mistiku, is-sigriet tal-ħajja huwa li wieħed jitħaddet ftit, jiekol ftit u jorqod ftit. Dawn id-dixxiplini kollha huma mħaddma matul ix-xahar tas-sawm.

2. Huwa (is-sawm) jistimula t-talb, il-karità, it-twettiq ta' għemejjel oħra tajba, u l-astenzjoni mill-ħażen, u jagħti s-setgħa lill-persuna biex tegħleb il-ħażen kollu.

3. Huwa jeħles lill-ispirtu mill-insegwimenti materjali biex joħloq relazzjoni sana u ħajja ma' Alla l-Omnipotenti, u b'hekk tiżdied il-fidi tal-persuna. Il-bniedem għal ċertu żmien jikseb karatteristiċi divini eż. Alla la jorqod u lanqas jiekol, it-tieba biss toħroġ Minnu.

4. Hekk kif tingħata importanza kbira lir-reċitazzjoni tal-Koran Imqaddes, din tista' sservi ta' sors meraviljuż ta' gwida, u rivelazzjoni jew komunjoni ma' Alla.

5. Huwa jinkoraġġixxi wkoll l-iżvilupp tal-grazzja, tas-sabar, tal-qlubija, tal-umiltà, tas-sempliċità, u tas-sagrifiċċju."[2]

# IR-REGOLI TAS-SAWM

1. "Is-sawm huwa obbligatorju għal kull adult, b'ċerti eċċezzjonijiet. Persuna marida, xi ħadd li qed jivvjaġġa, mara tqila jew li qed tredda', persuna anzjana, xi ħadd li jsib l-esperjenza tas-sawm iebsa ħafna minħabba l-età jew xi diffikultà oħra, dawn kollha huma eżentati.

   Meta r-raġuni għall-eżenzjoni hija biss temporanja, bħal pereżempju xi marda li l-persuna tkun se tirkupra minnha, in-numru tal-ġranet tas-sawm li jkunu ntilfu jridu jsiru xorta waħda basta matul il-ħdax-il xahar li jmiss. Jekk il-kawża tal-eżenzjoni ttul għal ħafna żmien jew issir permanenti, bħal fil-każ tax-xjuħija jew xi marda kronika, l-eżenzjoni ssir assoluta; iżda l-persuna konċernata, jekk tkun taffordja, trid tagħmel arranġamenti biex tipprovdi l-ikel għal xi ħadd fqir matul ix-xahar tar-Ramażan (2:185)."[3]

2. Is-sawm jinvolvi t-tiċħid mill-ikel u x-xorb mis-sebħ (bejn wieħed u ieħor siegħa u nofs qabel tlugħ ix-xemx) sa nżul ix-xemx.

3. Waqt is-sawm, wieħed irid jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu u joqgħod lura milli jirrabja, jargumenta jew iġib ruħu b'xi mod irrazzjonali. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: 'Dak li jastjeni mill-ikel u x-xorb matul il-perjodu tas-sawm iżda ma jrażżanx lilu nnifsu milli jlissen gidba jkun qed jiċċaħħad għalxejn.'

4. **Saħoor** – l-ikla ta' qabel is-sebħ – hija importanti qabel ma jibda s-sawm.

5. L-intenzjoni hija kundizzjoni meħtieġa għas-sawm.

6. **Aftar** tfisser twaqqaf is-sawm. Huwa essenzjali li s-sawm jitwaqqaf immedjatament wara nżul ix-xemx għax il-kontinwazzjoni tiegħu wara dal-ħin ma għandu mertu ta' xejn.

7. **Fidja** hija kumpens finanzjarju għall-fatt li wieħed ma jkunx jista' jsum minħabba raġunijiet validi. Jekk xi ħadd huwa marid il-ħin kollu jew ikun xiħ wisq biex ikun kapaċi jsum, għandu jitma' jew

jagħti f'karità ammont ekwivalenti għat-tmigħ ta' persuna kuljum għall-ġranet ta' sawm li jkun tilef. Fidja tista' tingħata wkoll minn dawk li jsumu u xorta jaffordjaw.

8. **Itikaf** (irtirar fil-moskea) tfisser meta xi ħadd jingħalaq għal devozzjonijiet privati ġewwa moskea. Itikaf tibda filgħaxija, fl-għoxrin jum tar-Ramażan sal-aħħar tax-xahar.

9. It-talba li tingħad mal-bidu tas-sawm: 'Jiena għandi l-intenzjoni li nsum kull filgħodu matul ix-xahar ta' Ramażan.'

10. It-talba li tingħad mat-tmiem tas-sawm: 'O Alla, jiena osservajt is-sawm minħabba fik. Jiena nemmen Fik u ntemm is-sawm billi niekol dak li Inti pprovdejtli.'

## EID-UL-FITR

It-tmiem tar-Ramażan huwa indikat bid-dehra tal-qamar ġdid, u dan jiġi segwit minn jum ta' ċelebrazzjoni magħruf bħala Eid-ul-Fitr jew il-'festival tal-waqfien mis-sawm'.

---


Referenzi:

1. *An Elementary Study of Islam*, pġ. 44-46.
2. *Ramadan and its Blessings*, pġ. 8-9.
3. *Islam – Its Meaning for Modern Man*, pġ. 191-192.



*Stampa: © shutterstock.com*

ISBN: 978-99957-59-25-4

**"Fasting" in Maltese language.**



**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Mob:** +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyyamalta.org**

**www.ahmadiyya.org.mt**



9 789995 759254